MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 522/2011

**Bank of Valletta plc**

**Vs**

**Tal-Herba Construction Limited u Anthony u Rita konjugi Spiteri**

Permezz ta' din il-kawza l-attrici qeghda titlob minghand il-konvenuti l-hlas ta' sitt mija u sebghin elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro (€670,221) bilanc ghad-debitu fil-Loan u Overdraft Account flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta' April 2011 sad-data tal-hlas. Mill-atti jirrizulta li l-konjugi Spiteri huma garanti solidali bis-sahha ta' zewg kuntratti atti nutar Dottor Malcolm Mangion tat-13 ta' Marzu 2007 u

permezz ta’ zewg skritturi datati 8 ta’ Novembru 2006 u 19 ta’ Jannar 2007.

Mill-atti jirrizulta li l-konvenuti gew notifikati pero ma wiegbux u naqsu milli jidhru ghas-seduta.

Fis-seduta tal-lum xehdet Rose Cortis, ufficjal tal-bank. Mill-atti jirrizulta li ilu zmien twil ma jsir hlas u l-verzjoni tal-bank ma giet bl-ebda mod kontradetta. Fil-fatt fir-rendikont tal-kont numru 40016637744 u 40015950943 jirrizulta li mit-2 ta’ Novembru 2007 ma sar l-ebda pagament. Inoltre jirrizulta wkoll li qabel giet prezentata l-kawza (30 ta’ Mejju 2011), il-konvenuti gew interpellati jhallsu permezz tat-18 ta’ Jannar 2010 pero baqa ma sarx hlas.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ t-talbiet tal-attrici u:-**

**1. Tiddikjara li l-konvenuti naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-attrici kif stipulat fil-kuntratti u skritturi li ffirmaw.**

**2. Tikkundanna lill-konvenuti solidalment sabiex ihallsu lill-attrici s-somma ta’ sitt mija u sebghin elf mitejn u wiehed u ghoxrin ewro (€670,221) bilanc ghad-debitu fil-Loan u Overdraft Accout flimkien mal-imghax ulterjuri mit-12 ta’ April 2011 sad-data tal-hlas.**

**Spejjez a karigu tal-konvenuti**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------